Summary

421

19 ta' Novembru 2019

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
2 NOV 2019
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/4220/19* |
| *Proposta:* | *To demolish part of existing washroom, proposed construction of 2 apartments and penthouse overlying existing gorund and 1st floor level properties and retaining existing façade.* |
| *Post:* | *81, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Rikors ta' l-appell ta' Matthew Camilleri mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2019 giet sottomessa din l-applikazzjoni.

II) Illi permezz ta decizjoni mehuda mill-Awtorita ta' l-Ippjanar l-Awtoirta approvat l-applikazzjoni izda imponiet hlas ta' € 17,000 f' CPPS.

III) Illi l-appellant hassu aggravat mill-imposizzjoni ta' din il-kundizzjoni u interpona talba ta' rikonsiderazzjoni. Illi permezz ta'

decizjoni mehuda mill-Awtorita u ppublikata fis- 6 ta' Novembru 2019, l-istess Awtorita ikkonfermat ir-rakkomandazzjoni imressqa lilha mid-Direttorat ta' l-Ippjanar u cahdet it-talba ta' rikonsiderazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant jhoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi apellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1. Illi dina l-applikazzjoni saret wara illi applikazzjoni precedenti bin-numru PA 7908/18 li kienet tipproponi l-istess zvilupp, kienet giet rifjutata mill-Awtorita.
2. Illi fl-ebda stadju ma kien l-applikant infurmat illi l-Awtorita kienet qeghdha tikkunsidra proposti fejn l-gholi tal-binja setghat teccedi b' metru stante li l-faccta kienet ser tinzamm, liema kunsiderazzjoni kienet a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 72(2)(d) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi din l-applikazzjoni precedenti kienet saret qabel ma dahhlu fis-sehh ir-rati u l-komputazzjoni gdida rigward il-hlas ta' CPPS.

4. Illi in vista tal-fatt li l-Awtorita kienet qeghdha taccetta applikazzjonijiet fejn l-gholi kien jeccedi b' metru, stante iz-zamma tal-faccata, l-applikant rega issottometta l-applikazzjoni odjerna bl-istess proposta u pjanti ta' l-applikazzjoni precedenti.
5. Illi din l-applikazzjoni giet approvata izda stante li kienu dahlu regoli godda tal-komputazzjoni tas-CPPS, l-applikant gie mitlub ihallas l-ammont ta' EUR 17,000, kontra il-hlas ta' EUR 4800 li kien ikollu jhallas taht l-applikazzjoni precedenti.
6. Illi it-talba ta' rikonsiderazzjoni ta' din il-kundizzjoni giet ukoll michuda, stante li giet applikata il-Policy P 18 tad-DC 15 u c-cirkolari 2/18.
7. Illi certament li minhabba il-fatti partikolari tal-kaz odjern, certament li l-Awtorita kellha tiehu in kunsiderazzjoni ta' dan kollu, u applikati il-principji ta' ekwita oltre dak li jipprovdi l-artikolu 72(2) tal-Kap. 552, l-Awtorita kellha tnaqqas il-hlas mitlub ta' CPPS.
8. Illi l-applikazzjoni precedenti u l-applikazzjoni odjerna lkoll gew decizi a bazi ta' l-istess policies u regolamenti, u l-applikant ma kellu ibghati il-konsegwenzi tal-fatt li l-Awtorita kienet qeghdha taghti koncessjonijiet ta' metru fl-gholi, liema koncessjoni ma inghatatx lill-applikant fl-applikazzjoni precedenti.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta'l-aplikazzjoni odjerna jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jvarja id-decizjoni mehuda mill-Awtorita fil-kaz odjern, u tenut

kont ta'dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv b' mod emendat u varjat billi l-kundizzjoni 4 ta' l-istess permess tinbidel bl-imposizzjoni ta' hlas ta' CPPS aktar ekwu u gust, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**Lista ta' xiedha:**

Konsulenti interni u esterni ta' l-Awtorita kif ukoll ufficjali ta' l-istess sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u kazijiet simili, kif ukoll dwar il-policies vigenti.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**